MT

TEATRU MALTA

SEJĦA GĦAL SERVIZZ

# MANIĠER TAL-MARKETING U L-KOMUNIKAZZJONI

National Agency *for the* Performing Arts

Aġenzija Nazzjonali *għall-*Arti Performattiva

teatrumalta.org.mt

TEATRU MALTA

**Ingħaqad mal-familja ta' Teatru Malta:**
**Lesti ruħek għall-avventura li jmiss**

**Haw' int!**

Lest biex issalpa fuq vjaġġ straordinarju **mal-kumpanija nazzjonali tat-teatru f'Malta?** Teatru Malta qed tfittex **Maniġer tal-Marketing u l-Komunikazzjoni** entużjast u ta' esperjenza sabiex bil-ħiliet tiegħu, jagħti laqta iktar maġika lill-kampanji tar-reklamar u l-inizjattivi tagħna matul dan il-vjaġġ.

Taħseb li int tal-qatgħa? Mela kompli aqra hawn taħt!

# Dwar ix-xogħol

Dan **mhuwiex biss xi xogħol ieħor** mid-9am sal-5pm.

Qed noffru avventura ta' tliet snin, fejn int se tkun qed toħloq, tagħmel strateġiji, tinnota u eventwalment tiġi ssegwi jew tmidd idejk.

Se tirrapporta lejn il-Kap tal-Produzzjonijiet u d-Direttur Artistiku/General Manager tagħna *(minn tagħna ħafna, tinkwetax)*.

↓ **Dik is-Siġra f'Nofs ta' Triq** (2023)





## **Il-Missjoni tagħna:**
## Jekk trid tissieħeb magħna

- Tikkollabora mad-Direttur Artistiku/General Manager fuq kif se jiġu żviluppati l-istrateġiji tar-reklamar u l-komunikazzjoni waqt li tara li l-materjal dejjem jibqa' leali lejn l-ethos u l-viżjoni ta' dak li tirrappreżenta l-kumpanija.

- Ħolqien u tmexxija ta' kampanji ta' reklamar biex jiġu esebiti l-inizjattivi u l-produzzjonijiet ta' Teatru Malta. Il-kontentut għandu kemm idaħħak, ibikki u anke forsi jġiegħel lil dawk li jarawh jiżfnu.

- Tmexxi tim ta' reklamar dinamiku (b'membri li huma parti mill-kumpanija u oħra li mhumiex) bil-finezza ta' kif surmast jindokra sinfonija.

- Tikkomunika u tmexxi t-tim kreattiv u l-fornituri tas-servizzi terzi. Huwa ta' importanza kbira għalina li dejjem naħdmu f'tim.

- Tidentifika min hi l-udjenza tagħna, permezz ta' riċerka kontinwa ta' dak li qed iseħħ fis-suq, u tistudja l-kompetituri (jekk int minnek tħobb tindaga u tinvestiga, se tgħinek żgur).

- Tkun ċert li jkun hemm konsistenza fl-identità u l-vuċi tal-kumpanija kullimkien. Bażikament se tkun gwardjan li tieħu ħsieb ir-ruħ tal-kumpanija.

- Tevalwa u ssegwi l-effettività tal-kampanji, u dejjem tirranġa skont xi jkun hemm bżonn sabiex tilħaq il-perfezzjoni.

- Tieħu ħsieb il-budgets tar-reklamar daqs l-aqwa professjonist, u tara li kull sold jiġi użat b'mod sew.

- Tissorvelja l-akkwisti u tieħu ħsieb il-kuntratti (tinkwetax, se nispjegawlek il-proċess u nipprovdulek it-taħriġ meħtieġ).

- Tispikka fir-relazzjonijiet pubbliċi u fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti min-naħa ta' reklamar, u tara li kull avveniment ikun indimentikabbli.

- Torganizza, tikkummissjona u tmexxi photo u video shoots - qis ruħek daqslikieku assistent direttur fuq sett tal-films.

- Timpenja ruħek mal-mezzi tax-xandir u ssib modi innovattivi ta' kif tagħmel bookings ta' gruppi mal-entitajiet imsieħba tagħna (nemmnu ħafna fil-kollaborazzjonijiet, naħseb diġà għidnieha hux?).

- Tiltaqa' ta' sikwit mat-tim biex jiġu diskussi rapporti, strateġiji, dati ta' skadenza u l-iktar importanti: xi ideat bis-sens li għandek.

- Tagħmel riċerki kontinwi biex dejjem inkunu minn tal-ewwel.

- Iddakkar relazzjonijiet fantastiċi mal-fornituri tas-servizzi tagħna u man-nies tat-tim kollu.

- Sakemm qiegħed magħna (u għal sitt xhur wara u jekk tparpar 'l hemm), ma tistax tmur ixxerred is-seħer tiegħek fir-reklamar ma' kumpaniji tat-teatru oħrajn f'Malta. Għandna bżonn l-intelliġenza speċjali tiegħek għalina biss. Għaliex? Għax aħna għandna s-sigrieti, strateġiji u naħsbu li għandna dak l-ingredjent speċjali li jagħmel lil Teatru Malta tispikka, u ma nixtiqux li jinħela fuq ħaddieħor. Jekk waqt il-kuntratt tiegħek tiġik xi tentazzjoni, kellimna, u niddiskutuha flimkien. Bis-serjetà, ħadd m'għandu jbill subgħajh darbtejn fl-istess ilma fix-xena artistika ta' pajjiżna.

## X'għandek x'toffri

- Grad ta' Masters fl-arti u l-kultura, fir-reklamar, jew f'oqsma simili, b'mill-inqas sentejn esperjenza fis-settur.

  *jew*

- Grad ta' Baċċellerat b'tal-inqas 4 snin esperjenza fis-settur.

  *jew*

- Mill-inqas 6 snin ta' esperjenza f'marketing u branding fi proġetti kulturali.

- Għarfien tas-settur teatrali lokali, tal-industriji kreattivi, u l-ekonomija kreattiva fil-kuntest usa' Ewropew/Mediterranju.

- Ħiliet ta' komunikazzjoni mill-aqwa kemm fl-Ingliż u anke fil-Malti.

- L-abbiltà li tmexxi f'ambjent divers f'kollaborazzjoni ma' kull dipartiment.

- Ħila li tibni relazzjonijiet pożittivi ma' diversi partijiet interessati.

- Li tifhem l-inċentivi u l-politiki tal-Gvern.

- Il-ħila li taħdem taħt pressjoni u li tlaħħaq ma' dati ta' skadenza stretti (teċċella bl-adrenalina).

↓ **Fi-Do** (2023)



## X'hemm lest għalik

- Kuntratt ta' **tliet snin** b'sigħat flessibbli (li jlaħħqu madwar 40 siegħa fil-ġimgħa).
- Salarju annwali ta' **EUR 30,000** (li jeskludi l-VAT imma jinkludi it-taxxi l-oħra kollha u ħlasijiet oħra).
- Il-ħlasijiet isiru fix-xahar mill-Aġenzija li ġentilment tmexxi s-sinsla amministrattiva tagħna (Teħtieġ li tibgħatilna invoice bin-numru tal-VAT validu tiegħek).

## Lest biex tapplika?

Ibgħat l-applikazzjoni tiegħek, u inkludi d-dokumenti kollha meħtieġa bħala prova tal-kwalifiki tiegħek, ittra ta' motivazzjoni, u CV iddettaljat, lil **contact@teatrumalta.org.mt** sa nofsinhar **sat-12 ta' Ġunju, 2024**. L-intervisti se jsiru nhar **il-14 ta' Ġunju 2024**.

L-applikanti għandu jkollhom numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT validu. Se tkun responsabbli għat-tassazzjoni relevanti u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont il-leġislazzjoni nazzjonali.

L-applikanti eliġibbli se jkunu mistiedna għal intervista. Ħerqana biex niltaqgħu miegħek!